# L-istorja tal-Bank Ċentrali ta' Malta

## Il-bidu

Wara li Malta ħadet l-indipendenza fl-1964, il-Gvern Malti ra kif ser iwaqqaf bank ċentrali. Dan kien irrakkomandat għall-ewwel darba f'Jannar tal-1964 minn missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti mmexxija mill-Professur Wolfgang F Stolper minħabba l-fatt li kien hemm nuqqasijiet serji fl-istrutturi finanzjarji ta' Malta, l-aktar f'dak li kien jirrigwarda pariri lill-Gvern dwar affarijiet finanzjarji u monetarji.

B'reazzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni il-Gvern Malti talab għajnuna teknika mill-*Bank of England* u l-Fond Monetarju Internazzjonali sabiex jingħata parir dwar it-twaqqif ta' bank ċentrali. Fi Frar tal-1967 uffiċjal għoli tal-*Bank of England.* Dott. Philip L. Hogg, wasal Malta sabiex jipprepara l-qafas organizzattiv u leġislattiv. Il-liġi għaddiet mill-Parlament fil-11 ta' Novembru 1967 u ħames xhur wara, fis-17 t'April 1968, twaqqaf formalment il-Bank Ċentrali ta' Malta. Dott. Hogg inħatar bħala l-ewwel Gvernatur tal-Bank.

## 1968 – 1994

Matul dan il-perijodu il-Bank Ċentrali ta' Malta kkonċentra l-aktar fuq it-tħaddim ta' politika tar-rata tal-kambju, l-immaniġġjar tar-riżervi, is-sorveljanza tas-settur bankarju, il-ħruġ tal-flus u l-għoti ta' servizzi bankarji lill-Gvern, is-settur pubbliku u l-banek.

Ir-rwol tal-Bank fit-tħaddim tal-politika tar-rata tal-kambju ħa sinifikat partikolari f'Lulju tal-1972 meta r-rabta tal-munita Maltija mal-isterlina ntemmet u r-rata tal-kambju tal-lira Maltija bidet tiġi ddeterminata mill-Bank abbażi ta' basket ta' muniti kkalkulat skont ix-xejriet kummerċjali tal-pajjiż. Il-politika tar-rata tal-kambju ta' dak iż-żmien kienet titħaddem bl-impożizzjoni ta' kontrolli fuq il-kambju. Wara ld-dħul tal-Liġi Dwar il-Kontroll tal-Kambju fl-1972 il-Bank kien maħtur bħala l-aġent għall-amministrazzjoni tal-kontrolli fuq il-kambju – rwol li dam iwettaq għal numru ta' snin. Il-Bank kien ukoll responsabbli mill-immaniġġjar tar-riżervi barranin tal-pajjiż u kien l-uniku xerrej u fornitur ta' flus barranin lis-settur pubbliku u lill-banek.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ngħata wkoll ir-responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sistema bankarja skond l-Att Dwar il-Kummerċ Bankarju tal-1970 u, aktar tard, għas-sorveljanza tal-Borża ta' Malta skont l-Att Dwar il-Borża ta' Malta tal-1990.

F'Settermbru ta' l-1969 il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ l-ewwel serje ta' karti tal-flus u, mad-deċimalizzazzjoni f'Mejju tal-1972, l-ewwel serje ta' muniti. Il-Bank kien responsabbli wkoll sabiex jissorvelja l-pożizzjoni fiskali tal-Gvern u biex jipprovdih b'self għal żmien qasir.

## 1994 – 2002

F'dan il-perijodu kien hemm bidla notevoli fil-bixra tal-politika tal-Bank bħala parti mill-immodernizzar ġenerali tas-settur tas-servizzi finanzjarji li kien rifless fl-introduzzjoni ta' leġislazzjoni ġdida u reviżjoni estensiva tal-liġijiet eżistenti. Wara li fl-1994 daħlu fis-seħħ l-emendi għall-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Bank ingħata awtonomija akbar fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika monetarja. Twaqqaf Kunsill għall-Politika Monetarja u l-Bank beda l-ewwel operazzjonijiet fis-suq miftuħ bil-għan li jimxi minn sistema ta' kontrolli monetarji diretti u rati tal-imgħax amministrati għal sistema fejn l-interventi jsiru skont is-suq u fejn is-suq jiddetermina r-rati tal-imgħax. Il-Bank kien ipprojbit ukoll milli jislef flus għal żmien qasir lill-Gvern sabiex ikun aktar effettiv fit-tħaddim tal-politika monetarja.

Sabiex jinkoraġixxi l-iżvilupp ta' suq tal-kambju bejn il-banek il-Bank beda jillimita n-negozju fil-kambju mal-banek għal tliet muniti. Barra minn hekk tneħħew gradwalment ir-restrizzjonijiet kollha fuq pagamenti kurrenti f'muniti barranin.

Wara d-dħul fis-seħħ ta' liġijiet ġodda dwar il-kummerċ bankarju u dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-1994, il-Bank baqa' responsabbli mis-sorveljanza bankarja wara li nħatar bħala l-Awtorità Kompetenti għas-sorveljanza tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji.

**2002 – 2007**

Il-preparamenti ta' Malta għad-dħul fl-Unjoni Ewropea (UE) fissru li l-Bank kellu jadatta ruħu għal ambjent ġdid skont l-obbligi l-ġodda tal-pajjiż. Fl-2002 li-Liġi Dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta ġiet emendata sabiex tagħti l-Bank indipendenza sħiħa fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politka monetarja. L-emendi żguraw ukoll li l-Gvernatur, id-Deputat Gvernatur u l-Membri tal-Bord tal-Bank ikollhom il-ħatra tagħhom żgurata billi kien stipulat li din għandha tkun għal ħames snin. Il-Gvernatur sar responsabbli għad-deċiżjonijiet ta' politika monetarja wara li dan ikun ikkonsulta mal-Kunsill Konsultattiv Għall-Politka Monetarja. L-emendi fil-liġi ħasbu wkoll biex jitwaqqaf qafas regolatorju għal sistemi ta' pagament fi żmien meta l-Bank daħħal fis-seħħ f'Malta l-ewwel sistema formali ta' pagament li kienet konformi ma' standards internazzjonali. Fl-istess sena r-responsabbiltà għar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-settur bankarju u finanzjarju, kif ukoll tal-Borża ta' Malta, ġiet mgħoddija lill-Awtorità Maltija Għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Il-Bank baqa' responsabbli li jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja Maltija.

Fl-1 ta' Mejju 2004 Malta saret parti mill-Unjoni Ewropeja u l-Bank Ċentrali ta' Malta sar parti mis-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). Il-Gvernatur tal-Bank beda jipparteċipa fil-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u esperti mill-Bank saru membri tal-kumitati tas-SEBĊ. Tneħħew il-kontrolli kollha fuq il-moviment ta' kapital.

F'Mejju 2005 Malta daħlet fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju (ERM II) fejn il-lira Maltija ntrabtet mal-euro bir-rata ta' parità ċentrali ta' EUR1=MTL0.429300. Fl-istess waqt il-Bank beda jħejji għad-dħul tal-euro bħala l-munita nazzjonali ta' Malta. F'Lulju 2007 kien ikkonfermat id-dħul ta' Malta fiż-żona ta' l-euro b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2008 u li r-rata ta' parità ċentrali tal-lira Maltija kellha tkun ir-rata ta' konverżjoni irrevokabbli.

**2008**

Fl-1 ta' Jannar 2008 Malta daħlet fiż-żona tal-euro u l-euro ħa post il-lira Maltija bħala l-munita nazzjonali ta' Malta. Il-Bank Ċentrali ta' Malta sar parti mill-Eurosistema u kien integrat fl-istrutturi tal-BĊE li jieħdu d-deċiżjonijiet. Il-Gvernatur tal-Bank sar membru tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u esperti mill-Bank bdew jipparteċipaw fil-kumitati ta' l-Eurosistema. Diversi emendi għall-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta li daħlu fis-seħħ fil-bidu tal-2008 għamlu dan l-Att konformi mar-rekwiżiti tal-Eurosistema. Mill-bidu umli tiegħu il-Bank Ċentrali ta' Malta evolva f'istituzzjoni bi status ugwali għal dak ta' banek ċentrali nazzjonali oħra taż-żona tal-euro.

**Dawn huma l-Gvernaturi li kellu l-Bank matul iż-żmien:**

| Isem | Ħatra | Żmien |
|---|---|---|
| Dott. Philip L Hogg | Gvernatur | 17 t'April 1968 – 31 ta' Marzu 1972 |
| Sur Victor A DeMarco | Deputat Gvernatur | 17 t'April 1968 – 17 t'April 1972 |
| Sur Borge Anderson | Gvernatur | 1 t'April 1972 – 16 ta' Marzu 1973 |
| Sur Carmel L Farrugia | Deputat Gvernatur (aġent) | 15 ta' Frar 1973 – 2 ta' Lulju 1973 |

| | | |
|---|---|---|
| Sur R J A Earland | Gvernatur | 17 ta' Marzu 1973 – 25 ta' Jannar 1974 |
| Sur Lino Spiteri | Deputat Gvernatur | 26 ta' Jannar 1974 – 22 ta' Novembru 1981 |
| Sur Henry C de Gabriele | Deputat Gvernatur (aġent) | 14 ta' Dicembru 1981 – 31 t'Awwissu 1985 |
| Sur Henry C de Gabriele | Gvernatur (aġent) | 1 ta' Settembru 1985 – 6 ta' Novembru 1986 |
| Sur Henry C de Gabriele | Deputat Gvernatur | 7 ta' Novembru 1986 – 14 ta' Settembru 1996 |
| Sur Anthony P Galdes | Gvernatur | 3 ta' Gunju 1987 - 2 ta' Gunju 1993 |
| Sur Francis J Vassallo | Gvernatur | 15 ta' Settembru 1993 – 30 ta' Settembru 1997 |
| Sur Emanuel Ellul | Deputat Gvernatur | 5 ta' Novembru 1996 – 30 ta' Settembru 1997 |
| Sur Emanuel Ellul | Gvernatur | 1 t'Ottubru 1997 – 30 ta' Settembru 1999 |
| Sur David Pullicino | Deputat Gvernatur | 1 ta' Lulju 1999 – 31 ta' Marzu 2010 |
| Sur Michael C Bonello | Gvernatur | 1 t'Ottubru 1999 – 30 ta' Ġunju 2011 |
| Sur Alfred DeMarco | Deputat Gvernatur | 1 t'April 2010 - |
| Prof. Josef Bonnici | Gvernatur | 1 ta' Lulju 2011 - |